**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Wessel-Werk GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 211, 13.6.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Marzu 2017 – Vignerons de la Méditerranée vs EUIPO – Bodegas Grupo Yllera (LE VAL FRANCE)**

**(Kawża T-216/16)** [1]

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea LE VAL FRANCE — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea VIÑA DEL VAL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2017/C 144/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vignerons de la Méditerranée (Narbonne, Franza) (rappreżentanti: M. Karsenty-Ricard u M. Merli, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Bodegas Grupo Yllera SL (Rueda, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-2 ta' Marzu 2016 (Każ R 427/2015-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bodegas Grup Yllera u Vignerons de la Méditerranée.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Vignerons de la Méditerranée hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 243, 4.7.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2017 – Hoffmann vs EUIPO (Genius)**

**(Kawża T-425/16)** [1]

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Genius — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2017/C 144/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Karl Hoffmann (Bad Schwalbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Jonas, avukat)